*fatturi oġġettivi, li dan id-dritt huwa invokat b'mod frawdolenti jew abbużiv. Huma dawn il-qrati li għandhom, fl-evalwazzjoni tan-natura frawdolenti jew abbużiva tal-invokazzjoni ta' dan id-dritt għal tnaqqis, jinterpretaw id-dritt nazzjonali sa fejn huwa possibbli fid-dawl tat-test u tal-għanijiet tad-Direttiva 2006/112, sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha, u dan jeżiġi li huma jagħmlu dak kollu li jaqa' fil-kompetenza tagħhom filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu u filwaqt li japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti minnu.*

(3) *Id-Direttiva 2006/112, meta titlob b'mod partikolari, skont l-Artikolu 242 tagħha, li l-persuni taxxabbli kollha għandu jkollhom kontabbiltà suffiċjentement dettaljata sabiex tippermetti l-applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-istħarriġ tagħha mill-amministrazzjoni fiskali, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija ma tipprekludix li l-Istat Membru kkonċernat jitlob, fil-limiti previsti fl-Artikolu 273 ta' din id-direttiva, li l-persuni taxxabbli kollha jirrispettaw f'dan ir-rigward ir-regoli nazzjonali kollha dwar il-kontabbiltà li jkunu konformi man-normi internazzjonali dwar il-kontabbiltà, sakemm il-miżuri adottati f'dan is-sens ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet intiżi sabiex jiġi żgurat il-ġbir korrett tat-taxxa u sabiex tiġi evitata l-frodi. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2006/112 tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li s-servizz jitqies bħala pprovdut fid-data li fiha jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tad-dħul mill-provvista kkonċernata.*

[1] ĠU C 79, 16.3.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Frar 2014 — L-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Slovakka**

**(Kawża C-31/13 P)** [1]

***(Appell — Indikazzjonijiet ġeografiċi protetti — Regolament (KE) Nru 1234/2007 — Reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati mal-inbejjed — Database E-Bacchus — Tokaj)***

(2014/C 93/26)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Appellanti:* l-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér u K. Szíjjártó, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u B. Schima kif ukoll minn B. Eggers, aġenti), ir-Repubblika Slovakka (rappreżentant: B. Ricziová, aġent)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla), tat-8 ta' Novembru 2012, fil-Kawża L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-194/10) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli rikors intiż għall-annullament tal-inklużjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Vinohradnícka oblasť Tokaj", li hija mniżżla, bl-Islovakkja bħala pajjiż tal-oriġini, fir-reġistru elettroniku tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti relatati mal-inbejjed (database E-Bacchus) — Effetti legali tal-inklużjoni f'E-Bacchus — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Slovakka għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

[1] ĠU C 71, 09.03.2013.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Frar 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale civile di Roma — l-Italja) — Mediaset SpA vs Ministero dello Sviluppo Economico**

**(Kawża C-69/13)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Sussidju għax-xiri jew għall-kiri ta' dekoders diġitali — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern — Irkupru — Kwantifikazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat — Rwol tal-qorti nazzjonali — Teħid inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tagħha — Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)***

(2014/C 93/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Tribunale civile di Roma

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Mediaset SpA

*Konvenut:* Ministero dello Sviluppo Economico

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale civile di Roma — Irkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali — Kwantifikazzjoni tal-ammont li għandu jiġi rkuprat — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterji għall-istabbiliment ta' dan l-ammont — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrikonoxxi lill-qorti nazzjonali l-possibbiltà li tevalwa n-natura xierqa tal-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni — Portata tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-qorti nazzjonali

**Dispożittiv**

(1) *Għalkemm, sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni, iżda li ma tidentifikax il-benefiċjarji individwali ta' din l-għajnuna u ma tiddeterminax l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, il-qorti nazzjonali hija marbuta b'din id-deċiżjoni, hija min-naħa l-oħra ma hijiex marbuta bil-pożizzjonijiet meħuda mill-imsemmija istituzzjoni fil-kuntest tal-imsemmija deċiżjoni. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-qorti nazzjonali għandha tieħu dan it-teħid ta' pożizzjoni inkunsiderazzjoni bħala element ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kawża li tkun tressqet quddiemha.*

(2) *Mingħajr ma tqiegħed fid-dubju l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea jew l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna inkwistjoni, il-qorti nazzjonali tista' tikkonkludi, meta tiddetermina l-ammonti eżatti tal-għajnuna li għandhom jiġu rkuprati u meta l-Kummissjoni Ewropea, fid-deċiżjoni tagħha li tiddikjara skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern, ma tkunx identifikat il-benefiċjarji individwali tal-għajnuna inkwistjoni u lanqas ma tkun iddeterminat l-ammonti preċiżi li għandhom jitħallsu lura, li l-ammont tal-għajnuna li għandu jitħallas lura huwa ugwali għal żero meta dan jirriżulta mill-kalkoli magħmula abbażi tal-provi rilevanti li jkunu tressqu għall-konjizzjoni tagħha.*

---

(1) ĠU C 147, 25.05.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Frar 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Højesteret — id-Danimarka) — Martin Blomqvist vs Rolex SA, Manufacture des Montres Rolex SA**

**(Kawża C-98/13)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 — Miżuri intiżi li jwaqqfu t-tqegħid fis-suq ta' merkanzija falza jew ikkupjata — Artikolu 2 — Kamp ta' applikazzjoni tar-regolament — Bejgħ, minn Stat terz, minn fuq sit internet, ta' arloġġ falz, għal finijiet privati lil individwu li jirrisjedi fi Stat Membru — Konfiska tal-arloġġ mill-awtoritajiet doganali mad-dħul tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru — Regolarità tal-konfiska — Kundizzjonijiet — Kundizzjonijiet relatati ma' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 4 — Distribuzzjoni lill-pubbliku — Direttiva 2008/95/KE — Artikolu 5 — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 9 — Użu fil-kummerċ)***

(2014/C 93/28)

*Lingwa tal-kawża: Id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Højesteret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Martin Blomqvist

*Konvenuta:* Rolex SA, Manufacture des Montres Rolex SA

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Højesteret — Interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), tal-Artikolu 5(1) u (3) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, p. 25), tal-Artikolu 9(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1) u tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 469) — Miżuri intiżi sabiex jiġi prekluż it-tqegħid fis-suq ta' merkanzija falza u ta' merkanzija kkupjata — Individwu, resident fi Stat Membru, li xtara minn fuq sit tal-internet mingħand bejjiegħ fi Stat terz arloġġ falz għal skopijiet privati — Qbid tal-arloġġ imsemmi, mibgħut mill-bejjiegħ b'kurjer, u sospensjoni tar-rilaxx mid-dwana tal-arloġġ mill-awtoritajiet tal-imsemmi Stat Membru

**Dispożittiv**

*Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet għandu jiġi interpretat fis-sens li l-proprjetarju ta' dritt ta' proprjetà intellettwali fuq merkanzija mibjugħa lil persuna li tkun tirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru permezz ta' sit internet tal-bejgħ online li jinsab f'pajjiż terz jibbenefika, fil-mument li din il-merkanzija tidħol fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, mill-protezzjoni ggarantita lil dan il-proprjetarju minn dan ir-regolament bis-sempliċi fatt tax-xiri tal-imsemmija merkanzija. Għal dan il-għan, ma huwiex meħtieġ barra dan li, qabel il-bejgħ, il-merkanzija inkwistjoni kienet is-suġġett ta' offerta għal bejgħ jew ta' riklamar indirizzati lill-konsumaturi ta' dan l-istess Stat.*

---

(1) ĠU C 129, 04.05.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-13 ta' Frar 2014 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

**(Kawża C-139/13)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — L-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri — Regolament (KE) Nru 2252/2004 — Passaport bijometriku — Integrazzjoni ta' marki tas-swaba diġitali — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Nuqqas ta' għoti fit-termini)***

(2014/C 93/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Maidani u G. Wils, aġenti)